# DEĊIŻJONI (UE) 2023/549 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-6 ta’ Marzu 2023

## dwar l-aċċess għal u l-użu ta’ ċerta *data* TARGET u li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2010/9 (BĊE/2023/3)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-ewwel u r-raba’ inċiżi tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-ewwel u r-raba’ inċiżi tal-Artikolu 3.1, u l-Artikolu 22 tiegħu,

Billi:

(1) Is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) hija regolata bħalissa mil-Linja Gwida BĊE/2012/27 ([1]). Mill-20 ta’ Marzu 2023, it-TARGET2 se tiġi sostitwita mit-TARGET, it-tielet ġenerazzjoni ta’ sistemi ta’ ħlas f’euro li jissaldaw fi flus tal-bank ċentrali. It-TARGET hija rregolata mil-Linja Gwida (UE) 2022/912 tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-ġenerazzjoni ġdida tas-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET) (BĊE/2022/8) ([2]), u l-Linja Gwida BĊE/2012/27 hija mħassra b’effett mill-20 ta’ Marzu 2023 u tapplika mill-istess data. Is-sistemi komponenti tat-TARGET jikkostitwixxu s-suċċessuri legali tas-sistemi komponenti korrispondenti tat-TARGET2.

(2) Bħal fil-każ għat-TARGET 2, TARGET hija sstrutturata bħala multipliċità ta’ sistemi ta’ ħlas gross f’ħin reali, li kull waħda minnhom hija komponent imħaddem minn bank ċentrali tal-Eurosistema (BĊ tal-Eurosistema). Il-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) tarmonizza r-regoli għall-komponenti tat-TARGET sa fejn hu l-aktar possibbli.

(3) Is-sistemi komponenti tat-TARGET2 li huma proprjetà tal-BĊi tal-Eurosistema u operati minnhom ġew identifikati kollettivament bħala sistemi ta’ ħlas sistemikament importanti (SIPS) għall-finijiet tar-Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (UE) Nru 795/2014 (BĊE/2014/28) ([3]). Is-sistemi komponenti rispettivi tat-TARGET, bħala s-sistemi ta’ ħlas li jissostitwixxu dawk is-sistemi komponenti tat-TARGET2, huma l-istess mistennija li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 (BĊE/2014/28) u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta’ sorveljanza stabbiliti f’dak ir-Regolament.

(4) L-Artikolu 28(1) tal-Parti I tal-Anness I tal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) jimponi ċerti obbligi ta’ kunfidenzjalità fuq kull bank ċentrali (BĊ) biex iżomm kunfidenzjali informazzjoni dwar il-ħlasijiet li tappartjeni lill-parteċipanti li jkollhom kontijiet tat-TARGET ma’ dak il-BĊ.

(5) L-Artikolu 28(3) tal-Parti I tal-Anness I tal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) jippermetti lil kull BĊ jiddivulga informazzjoni dwar il-ħlasijiet fir-rigward tal-parteċipant miksuba matul l-operat tal-komponent tat-TARGET rilevanti għal ċerti għanijiet.

(6) Meta l-użu ta’ *data* aggregata dwar il-ħlas TARGET ma jkunx suffiċjenti għall-BĊi biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv ta’ TARGET, il-BĊi għandu jkollhom aċċess għal *data* f’livell ta’ tranżazzjoni misluta mit-TARGET tal-parteċipanti fil-komponenti kollha tat-TARGET, inklużi d-detenturi ta’ BIC indirizzabbli. L-aċċess mill-BĊi kollha għal din id-*data* f’livell ta’ tranżazzjoni hi ukoll meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet pubbliċi tal-Eurosistema bħala sorveljant tat-TARGET meta l-użu ta’ *data* aggregata dwar il-ħlas TARGET ma jkunx suffiċjenti. Barra minn hekk, l-aċċess mill-BĊi kollha għal tali *data* f’livell ta’ tranżazzjoni huwa meħtieġ ukoll sabiex jitwettqu l-analiżijiet b’appoġġ għas-sorveljanza makroprudenzjali, l-istabbiltà finanzjarja, l-integrazzjoni finanzjarja, l-operazzjonijiet tas-suq, ir-riżoluzzjoni, il-funzjonijiet tal-politika monetarja u l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, f’konformità mal-prinċipju tas-separazzjoni.

([1]) Linja Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta’ Diċembru 2012 dwar is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (BĊE/2012/27) (ĠU L 30, 30.1.2013, p. 1).

([2]) Linja Gwida (UE) 2022/912 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta’ Frar 2022 dwar il-ġenerazzjoni ġdida tas-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET) u li tħassar il-Linja Gwida 2013/47/UE (BĊE/2012/27) (BĊE/2022/8) (ĠU L 163, 17.6.2022, p. 84).

([3]) Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (UE) Nru 795/2014 tat-3 ta’ Lulju 2014 dwar ir-rekwiżiti ta’ sorveljanza għal sistemi ta’ ħlas sistemikament importanti (BĊE/2014/28) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 16).

(7) L-aċċess mill-BĊi għad-*data* f'livell ta' tranżazzjoni tal-parteċipanti kollha għandu jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ sabiex il-BĊi jkunu jistgħu jwettqu analiżijiet kwantitattivi tal-flussi tat-tranżazzjonijiet bejn il-parteċipanti jew jagħmlu simulazzjonijiet numeriċi tal-proċess tas-saldu tat-TARGET, skont l-Artikolu 28(3) tal-Parti I tal-Anness I tal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, u tali aċċess għandu jeskludi l-informazzjoni kollha dwar il-klijenti tal-parteċipanti ħlief meta dawn il-klijenti jkunu detenturi ta' BIC indirizzabbli.

(8) Meta jitwettqu mill-BĊi fil-kapaċità tagħhom bħala operaturi tat-TARGET, l-analiżijiet kwantitattivi u s-simulazzjonijiet numeriċi għandhom iservu b'mod partikolari l-finijiet li tiġi żgurata l-effiċjenza tat-tfassil tat-TARGET, li tiġi appoġġata l-konformità mal-aspettattivi tas-sorveljanza, li jiġu analizzati l-fallimenti operattivi fit-TARGET, li jiġu analizzati x-xejriet tal-ħlasijiet u l-livelli tal-likwidità, li jiġu mmonitorjati l-effetti tal-mekkaniżmi tal-ipprezzar tiegħu, u li jsiru analiżijiet tal-kostijiet u l-benefiċċji ta' karatteristiċi u servizzi addizzjonali. Meta jitwettqu minn BĊi fil-kapaċità tagħhom bħala sorveljanti tat-TARGET, dawn l-analiżijiet kwantitattivi u s-simulazzjonijiet numeriċi għandhom iservu b'mod partikolari l-finijiet tal-analiżi u l-monitoraġġ tar-riskji fit-TARGET u l-appoġġ ta' valutazzjonijiet ta' sorveljanza regolari u *ad hoc* skont l-istandards applikabbli. Meta jitwettqu mill-BĊi biex jappoġġaw funzjonijiet ewlenin oħra tal-bank ċentrali, dawn l-analiżijiet kwantitattivi u s-simulazzjonijiet numeriċi għandhom iservu b'mod partikolari għall-finijiet tal-analiżi tal-iżviluppi tas-suq monetarju, tal-valutazzjoni tal-integrazzjoni finanzjarja fiż-żona tal-euro, tal-monitoraġġ tal-bilanċi tal-bank ċentrali u tad-distribuzzjoni tal-likwidità.

(9) Huwa tal-akbar importanza li titħares il-kunfidenzjalità tad-*data* f'livell ta' tranżazzjoni. Għal dan il-għan, l-aċċess għal u l-użu ta' *data* f'livell ta' tranżazzjoni għandhom ikunu limitati għal grupp żgħir indikat ta' membri tal-persunal mill-BĊi. Minbarra r-regoli dwar il-kondotta professjonali u l-kunfidenzjalità applikabbli għall-membri tal-persunal tas-CB, il-Bord tal-Infrastrutturi tas-Suq (MIB) għandu jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-aċċess għal u l-użu ta' *data* f'livell ta' tranżazzjoni. Il-BĊi għandhom jiżguraw il-konformità ta' dawn ir-regoli mill-membri tal-persunal indikati tagħhom u l-MIB għandu jimmonitorja din il-konformità.

(10) Il-MIB għandu jkollu l-għażla li jippubblika informazzjoni li tirriżulta mill-użu ta' *data* f'livell ta' tranżazzjoni, sakemm din l-informazzjoni ma tagħmilx possibbli li jiġu identifikati l-parteċipanti jew il-klijenti tal-parteċipanti, kemm direttament kif ukoll indirettament.

(11) L-Ambjent Analitiku TARGET jippermetti lill-Eurosistema twettaq analiżijiet kwantitattivi u simulazzjonijiet numeriċi bl-użu ta' *data* f'livell ta' tranżazzjoni.

(12) Minbarra l-Artikolu 28(3) tal-Parti I tal-Anness I tal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) li tkopri *data* f'livell ta' tranżazzjoni, l-Artikolu 28(5) tal-Parti I tal-Anness I tal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) jiddikjara li l-BĊi jistgħu jużaw, jiddivulgaw jew jippubblikaw informazzjoni dwar il-ħlasijiet fir-rigward tal-parteċipant jew tal-klijenti tal-parteċipant għal finijiet statistiċi, storiċi, xjentifiċi jew oħrajn fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet pubbliċi tagħhom jew ta' funzjonijiet ta' entitajiet pubbliċi oħra li lilhom tiġi żvelata l-informazzjoni, sakemm ma jkunx possibbli, kemm direttament kif ukoll indirettament, li jiġu identifikati l-parteċipant jew il-klijenti tal-parteċipant. Mingħajr preġudizzju għall-abbiltà tal-BĊi li jużaw, jiddivulgaw jew jippubblikaw informazzjoni bħal din taħt dan l-Artikolu, il-MIB għandu jikkoordina l-azzjonijiet tal-BĊi.

(13) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu estiżi biex japplikaw għall-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) konnessi permezz ta' ftehim bejn il-BĊNi konnessi u l-BĊi tal-Eurosistema,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni tirregola l-aċċess għal, u l-użu ta', ċerta *data* tat-TARGET kif stabbilit fl-Artikolu 3 u għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2 tal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8).

*Artikolu 3*

**Aċċess għal u l-użu ta' ċerta *data* tat-TARGET**

1. Skont l-Artikolu 28(3) tal-Parti I tal-Anness I tal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8), il-BĊi jista' jkollhom aċċess għal u jużaw analiżijiet kwantitattivi u simulazzjonijiet numeriċi, sa fejn ikun meħtieġ, *data* f'livell ta' tranżazzjoni estratta mit-TARGET mill-parteċipanti kollha tal-komponenti kollha tat-TARGET għall-għanijiet li ġejjin:

(a) l-iżgurar tal-funzjonament effiċjenti tat-TARGET u s-sorveljanza tiegħu;

(b) it-twettiq tal-analiżijiet meħtieġa għas-sorveljanza makroprudenzjali, l-istabbiltà finanzjarja, l-integrazzjoni finanzjarja, l-operazzjonijiet tas-suq, ir-riżoluzzjoni u l-funzjonijiet tal-politika monetarja;

(c) it-twettiq tal-analiżijiet meħtieġa għall-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, f'konformità mal-prinċipju ta' separazzjoni.

2. L-aċċess għad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, u l-użu tagħha, għandhom ikunu limitati għal dawn li ġejjin:

(a) fejn jiġu żgurati l-funzjonament u s-sorveljanza effiċjenti tat-TARGET, ħames membri tal-persunal li jieħdu ħsieb l-operat tat-TARGET u ħames membri tal-persunal li jieħdu ħsieb is-sorveljanza tat-TARGET, kull grupp b'aċċess separat għad-*data*;

(b) għall-analiżijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), grupp ta' mhux aktar minn 15-il membru tal-persunal li jwettqu riċerka, ikkoordinati mill-kapijiet tar-riċerka tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali.

3. Il-BĊi għandhom jaħtru l-membri tal-persunal imsemmija fil-paragrafu 2. Meta membru tal-persunal minn operazzjonijiet jew riċerka jinħatar għall-finijiet tal-paragrafu 2, dik il-ħatra għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Bord għall-Infrastruttura tas-Suq (MIB). Il-ħatra tal-membri tal-persunal mis-sorveljanza għall-finijiet tal-paragrafu 2(a) għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Kumitat għall-Infrastruttura tas-Suq u l-Pagamenti (MIPC). Il-proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll għas-sostituzzjoni tagħhom, fejn rilevanti.

4. L-MIB għandu jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-garanzija tal-kunfidenzjalità tad-*data* f'livell ta' tranżazzjoni. Il-BĊi għandhom jiżguraw konformità ma' dawn ir-regoli mill-membri tal-persunal tagħhom skont il-paragrafi 2 u 3. F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-regoli speċifiċi stabbiliti mill-MIB, il-BĊi għandhom jiżguraw li l-membri tal-persunal maħtura skont il-paragrafu 3 ma jkollhomx aktar aċċess għad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, jew jagħmlu użu minnha. L-MIB għandu jimmonitorja l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu.

5. Il-Kunsill Governattiv jista' wkoll jagħti aċċess lil utenti oħra u għandu jistabbilixxi r-regoli preċiżi għal dan l-aċċess. F'każ bħal dan, il-MIB għandu jimmonitorja l-użu tagħhom tad-*data* u, b'mod partikolari, il-konformità tagħhom mar-regoli ta' kunfidenzjalità, kemm kif stabbiliti mill-MIB kif ukoll kif stabbiliti fl-Artikolu 28 tal-Parti I tal-Anness I tal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8).

*Artikolu 4*

**Ambjent Analitiku TARGET**

1. L-Ambjent Analitiku tat-TARGET għandu jiġi stabbilit għat-twettiq tal-analiżijiet kwantitattivi u s-simulazzjonijiet numeriċi msemmijin fl-Artikolu 3(1). Għandu jinkludi l-Ambjent Analitiku u l-Għodda ta' Simulazzjoni.

2. L-Ambjent Analitiku għandu jiġi żviluppat u miżmum mill-BĊE. Suomen Pankki għandu jiżviluppa u jżomm l-Għodda ta' Simulazzjoni. L-Ambjent Analitiku u l-Għodda ta' Simulazzjoni għandhom jinkludu l-infrastruttura teknika meħtieġa, l-għodod għall-estrazzjoni tad-*data*, l-għodda ta' simulazzjoni u s-software analitiku.

3. Il-BĊE u Suomen Pankki għandhom jikkonkludu mal-BĊi tal-Eurosistema ftehim li jirregola s-servizzi u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Ambjent Analitiku tat-TARGET. Dan il-ftehim għandu jinkludi l-BĊNi konnessi.

*Artikolu 5*

**Pubblikazzjoni u divulgazzjoni**

1. L-MIB jista' jippubblika informazzjoni derivata mill-użu ta' *data* f'livell ta' tranżazzjoni, sakemm ma jkunx possibbli, kemm direttament jew indirettament, li jiġu identifikati l-parteċipanti jew il-klijenti tal-parteċipanti.

2. Il-MIB għandu jikkoordina d-divulgazzjoni u l-pubblikazzjoni mill-BĊi tal-informazzjoni dwar il-ħlasijiet skont l-Artikolu 28(5) tal-Parti I tal-Anness I tal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8).

*Artikolu 6*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni BĊE/2010/9 hija rrevokata b'effett mill-20 ta' Marzu 2023.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ħames jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-20 ta' Marzu 2023.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-6 ta' Marzu 2023.

*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE